# *Dati Mportanti fil-Ġrajja ta'*
# *INKURUNAZZJONI ta' L-ISTATWA ta' SAN ĠUŻEPP*

*It-tagħrif li qed jidher hawn ġie meħud mis-Sur Anthony Casha mill-Arkivju ta' l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp tar-Rabat ta' l-Imdina.*

**3 ta' April, 1949:**

**F'Konsulta Ġenerali Strodinarja ta' l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, li saret fl-Oratorju ta' l-istess Fratellanza, fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, fir-Rabat ta' l-Imdina. Ġie mħabbar mir-Rettur ta' dak iż-żmien Mons. Dun Giuseppe Vassallo, biex tinħatar kummissjoni mill-istess Fratellanza, sabiex taħdem ħalli jkun jista' jingħata l-permess meħtieġ mis-Sagra** Kongregazzjoni tar-Riti, biex l-istatwa antika ta' San Ġużepp tiġi nkurunata. Din l-aħbar ġiet milqugħa b'akklamazzjoni kbira u b'applaws twil mill-membri preżenti li kienu jlaħqu għal aktar minn 200 ruħ.

**1 ta' Ġunju 1949:**

Fl-laqgħa li kienet saret fl-Oratorju ta' San Ġużepp, fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù. Intaqat għall-ewwel darba l-Kummissjoni ta' l-Inkurunazzjoni, biex din tagħmel it-talba ta' l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, tal-poplu tar-Rabat u ta' l-Imdina u tal-poplu Malti kollu biex l-istatwa ta' San Ġużepp tiġi nkurunata.

**10 ta' Diċembru 1949:**

Fl-laqgħa tal-Kummissjoni ta' l-Inkurunazzjoni li saret fl-Oratorju ta' San Ġużepp, fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù. Ġie deċiż li għandha tintbgħat petizzjoni lill-Qdusija Tiegħu l-Papa, mill-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp tar-Rabat ta' l-Imdina f'isem il-poplu



Malti, iffirmata minn Monsinjur Arċisqof.

**10 ta' Jannar 1950:**

Fl-laqgħa li saret għall-membri tal-Kummissjoni ta' l-Inkurunazzjoni, fl-Oratorju ta' San Ġużepp, fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù. Il-President ta' l-imsemmija Kummissjoni n-Nobbli Kavalier Alexander dei Marchesi Apap Bologna, stieden lir-Rev. Patri Mro. Benedetto Pirotta O.S.A. biex jaqra' l-petizzjoni li kien ħejja, biex din wara li tiġi ffirmata mill-membri ta' l-imsemmija Kummissjoni, tintbgħat lis-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti fuq rakkomandazzjoni ta' Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi. Fil-fatt liema petizzjoni ġiet mibgħuta fit-12 ta' Jannar, ta' 1950.

**30 ta' Marzu 1950:**

Fl-laqgħa li kienet saret għall-membri

tal-Kummissjoni ta' l-Inkurunazzjoni fl-Oratorju ta' san Ġużepp, fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù. Il-President ta' l-imsemmija Kummissjoni, qara' l-ittra tat-18 ta' Marzu 1950, maħruġa mis-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti. Li ġiet mibgħuta lill-Mons. Arċisqof Gonzi, b'risposta għar-rikors li kienet għamlet l-Arċikonfraternita ta' san Ġużepp. Fejn fl-imsemmija ittra, il-Kongregazzjoni tar-Riti, ċaħdet it-talba ta' l-inkurunazzjoni ta' l-istatwa ta' san Ġużepp.

**30 ta' Novembru, 1950:**

Reġa' sar tentattiv ieħor biex it-talba ta' l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp u tal-poplu Malti; sabiex tiġi nkurunata l-istatwa ta' San Ġużepp tiġi aċċettata mis-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti, permezz tal-Wisq Rev. Patri Anġeliku Azzopardi, Ministru Provinċjal ta' l-Ordni tal-Patrijiet Franġiskani Munuri flimkien mal-Mastru Ġenerali ta' l-istess Ordni, l-Wisq Rev. Patri Pacifico Perantoni, bil-permess tal-Kummissjoni ta' l-Inkurunazzjoni.

**28 ta' Diċembru, 1950:**

Fl-ittra maħruġa mis-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti, fid-data li tidher hawn fuq. Reġat għal darb' oħra ċaħdet it-talba ta' l-inkurunazzjoni.

**29 ta' Mejju, 1956:**

Fl-laqgħa li saret għall-Kummissjoni ta' l-Inkurunazzjoni, inqara' id-dokument fejn fih reġġet saret mill-ġdid it-talba lis-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti, għall-inkurunazzjoni ta' l-istatwa ta' San Ġużepp. Fejn nhar 1-1 ta' Ġunju 1956, l-imsemmi dokument (rikors) ġie ffirmat mill-membri ta' l-isemmija Kummissjoni u minn Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi. Wara dan id-dokument ġie mibgħut mill-Ministru Provinċjal tal-Patrijiet Franġiskani Minuri, Patri Alfons Camilleri lill-Prokuratur Ġenerali ta' l-istess Ordni, l-Wisq Rev. Patri Ferdinando Antonelli (Konsulatur kwalifikat tal-Kongregazzjoni tar-Riti). Fejn dan id-dokument ġie preżentat lis-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti. Fil-fatt ftit tal-jiem wara l-imsemmi rikors ġie aċċettat mill-istess Kongregazzjoni.

**27 ta' Lulju, 1956:**

Ġewwa Kastell Gandolfo l-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju XII, ħareġ id-Digriet ta' l-Inkurunazzjoni ta' l-istatwa ta' San Ġużepp.

**3 ta' Settembru, 1956:**

Il-Ministru Provinċjal l-Wisq Rev. Patri Alfons Camilleri O.F.M. irċieva l-aħbar mingħand il-Prokuratur Ġenerali l-Wisq Rev. Patri Ferdinando Antonelli O.F.M., li l-Kardinal Prefett tas-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti kien laqgħa t-talba biex l-istatwa ta' San Ġużepp tiġi nkurunuta. Wara t-talba ġiet moqrija quddiem is-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti, biex imbgħad il-Papa ta l-approvazzjoni tiegħu u ħareġ id-Digriet taħt forma ta' Brevi.

**27 ta' Settembru, 1956:**

Il-Ministru Provinċjal l-Wisq Rev. Patri Alfons Camilleri O.F.M. irċieva d-





Digriet "Brevi Appostoliku" mingħand il-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju XII, li bih l-istatwa ta' San Ġużepp setgħat tiġi nkurunata.

**7 ta' Ottubru, 1956:**

Fl-10.15 a.m. fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, il-Wisq Rev. Patri Provinċjal Alfons Camilleri O.F.M. qara' l-Brevi tal-Papa Piju XII, quddiem folla kbira ta' nies li nġabret fil-knisja, u wara tkanta t-Te Deum b'ringrazzjament lil Alla għal dan il-privileġġ kbir.

**1 ta' Mejju, 1963:**

L-istatwa antika u devota ta' San Ġużepp, ġiet inkurunata solennament fuq il-Fosos tal-Furjana mill-E.T. Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi.



**Is-Sur Busuttil tad-ditta "Busuttil Jewellery" tar-Rabat, fl-1956 qed idewweb id-deheb li inġabar, biex isiru il-Kuruni tal-Bambin u ta' san Ġużepp. Dan ix-xogħol sar fil-Każin tal-Banda L'Isle Adam, quddiem diversi nies fosthom ir-Rettur tal-Fratellanza ta' San Ġużepp in-Nobbli Alexander dei Marchesi Apap Bologna.**